# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 27 ta’ Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 1211/98/SM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Luciano Abela abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Luciano Abela.**

**vs**

**Andrew Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi ihallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM386.47,0), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Luciano Abela, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u thalas ukoll lill-attur Luciano Abela is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), ammont rapprezentanti "excess payment", li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Marzu, 1997 ghall-habta ta' l-10.00 p.m. gewwa P.P. Mifsud Street, Hamrun, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GFA 123 proprjeta' ta' l-attur Luciano Abela u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni M-1082 (M), liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar, 1998, u ta' l-ttra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Dipartiment tas-Sahha, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficcjali ta' Frar, 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt statne li hu ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident tat-traffiku msemmi fl-avviz;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluza n-nota tas-socjeta' attrici nomine datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-qorti giet informata li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont ta' danni li jirrizultaw mir-ricevuti pprezentati;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fil-gurnata, lok u hin ta' l-incident kif indikat fl-avviz odjern l-attur Luciano Abela kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjon GFA-123;**

2. **Illi meta l-attur wasal hdejn Triq Vincenzo Bugeja, Hamrun, jallega li hares fil-mera, waqaf peress li ra li kien hemm xi karozzi u xeghel l-"indicator";**

3. **Illi meta ra li minn faccata tieghu ma kienx gejjin karozzi l-attur jallega li kiser ghal Triq Vincenzo Bugeja u kif dahal f'din it-triq jaqla' daqqa ta' karozza u sema' s-sirena ddoqq;**

4. **Illi l-impatt ta' l-ambulanza misjuqa mill-konvenut mal-vettura ta' l-attur kien f'nofs l-imsemmija Hyundai Accent mill-bastun ta' quddiem u bicca mill-bieba ta' wara;**

5. **Illi l-attur isostni li la ra ebda ambulanzi, la ra dwal u lanqas sireni ta' l-istess qabel l-impatt de quo;**

6. **Illi l-konvenut isostni li kien qed isuq l-ambulanza bis-sirena mixghula u bid-dwal taghha ta' l-emergenza mixghulin;**

7. **Illi l-versjonijiet kontrastanti huma kollaborati mill-persuni li kienu rikbin fil-vetturi rispettivi;**

8. **Illi jirrizulta li l-ambulanza de quo halliet "break mark" ta' 19.3 metri tul;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjonijiet huma ghall-kollox dijametrikament opposti u konsegwentement tqis li l-atturi ma pprovawx il-kaz taghhom skond il-ligi u ghalhekk tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**